MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Numru 19/2002

Ir-Repubblika ta’ Malta
Vs
**Marco Zarb**

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 19 tas-sena 2002 kontra l-akkuzat Marco Zarb, kif emendat bid-Digriet ta’ din il-Qorti tat-23 ta’ Settembru, 2004, li bih huwa gie akkuzat talli :**

wara li l-Avukat Generali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, ppremetta illi f’Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) Marco Zarb u l-habiba tieghu Gorgina Borg telghu Ghawdex u krew flat fil-Qbajjar limiti taz-Zebbug, Ghawdex. Illi huma kellhom xi argument bejniethom u dawn eskalaw fl-erba w ghoxrin (24) ta’ Gunju, 2001 ghall-habta tal-hdax ta’ bil-lejl (11 pm) meta Marco Zarb iddecieda li joqtol lil Gorgina Borg. Illi infatti, hu beda jahseb kif se joqtolha w iddecieda li jitfaghha mill-gallarija

tal-flat. Illi hu dolozament, bil-hseib li joqtol lil Gorgina Borg jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, qabadha w imbottaha l-isfel tlett sulari mill-gallarija, izda fortunatament l-istess Gorgina Borg ma mietitx minkejja li kienet fil-perilku tal-mewt u sofriet feriti gravi b'debulizzia permanenti f'gisimha.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Marco Zarb sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hseib li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Marco Zarb hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.
Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien minn seba snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat il-verdett tal-gurati moghti fl-udjenza tas-6 t'Ottubru, 2004, li bih b'sitt voti favur u bi tlitt voti kontra, sabu lil Marco Zarb hati skond l-Att tal-Akkuza, izda b'dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha fil-waqt tad-delitt ma setax iqis l-eghmil tieghu.

**Tiddikjara lil Marco Zarb hati li fl-24 ta' Gunju, 2001, ghall-habta tal-11 pm, gewwa Sea Breeze Flats, Triq ix-Xwejni, Qbajjar, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Gorgina Borg jew li jpoggilha hajjitha f'perikolu car, wera l-istess hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt,**

**liema delitt baqa’ ma giex esegwit minnhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu, izda b’dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu.**

Semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza dwar il-piena u cioe’ lil ohtu Tina Zarb u lill-“employer” tieghu John Mary Fenech li ddesrivewh bhala guvni tar-rispett, biezel u jmur tajjeb ma’ kulhadd kemm fil-familja kif ukoll fuq ix-xoghol u li tista’ tafdah.

Semghet fl-udjenza tal-lum it-trattazzjoni dwar il-piena maghmula mill-Avukati Difensuri Dott. Chris Soler u Dr. Chris Cardona ghall-hati u s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni maghmula mill-Assistant Avukat Generali tar-Repubblika Dottor Anthony Barbara;

Rat il-fedina penali aggornata netta tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tallum fuq ordni tal-Qorti;

Hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet **kollha** tad-difiza dwar il-piena (li jinsabu registrati) u inkluzi – izda mhux biss – is-segwenti :- li fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati l-hati kellu l-eta’ ta’ dsatax il-sena w li l-fedina penali tieghu hi wahda netta, li hu kkoopera mal-Pulizija, li hu guvni habrieki u jahdem, li ddispjacih ghal dak li ghamel anki ftit minuti wara u li l-istess omm il-vittma Emilia Borg iddeskrivietu bhala ragel sewwa. Ghalhekk kien il-kaz li l-qorti tuza klemenza mieghu.

Hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u cioe’ illi kieku ma kienx ghall-insistenza tal-Pulizija dan il-kaz seta indifen bhala kaz ta’ tentattiv ta’ suicidju u kien biss meta l-Pulizija baqghu jinsistu mall-hati li hu fl-ahhar ammetta x’kien ghamel. Ghalhekk id-difiza ma kienitx korretta li tghid li f’dan il-kaz l-hati kien ikkoopera. Inoltre il-konsegwenzi ta’ dan ir-reat kienu mill-iktar gravi li setghu ikunu ghaliex, apparti li f’xi hin il-vittma kienet fil-perikolu tal-mewt, irrizulta li hi issa baqghet ipparalizata minn qadda l-isfel ghal ghomorha.

Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet ukoll li ma kellux jinghata messagg lis-socjeta' li ghax wiehed jghid li kien qieghed taht l-influwenza ta' passjoni istantanja w agitazzjoni tal-mohh jista' b'daqshekk jehlisha hafif. Tant hu hekk illi f'kazijiet bhal dawn, mit-2002 l-hawn, il-Ligi stabilit minimu tal-piena li qabel ma kienx hemm u anki introduciet it-test oggettiv li bih wiehed ghandu iqis jekk kienx hemm jew ma kienx hemm din il-passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh. Dana ghaliex illum, kemm f'kazijiet ta' provokazzjoni kif ukoll f'kazijiet ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, ir-raguni trid tkun tali li f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni talbet li f'dan il-kaz il-piena ghandha tkun eqreb lejn il-massimu milli lejn il-minimu w cioe' wahda li tkun bejn disa' u ghaxar snin prigunerija.

Ikkonsidrat ;

Qieset iz-zmien kollu li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz;

Qieset ukoll li l-verdett tal-gurati kien wiehed ta' sitta kontra tlieta;

Qieset li skond l-artikolu 228 (2) tal-Kodici Kriminali, l-piena ghall-omicidju volontarju bl-iskuzanti fuq imsemmija fil-verdett skond il-ligi kif kienet qabel l-emendi ghall-Kodici Kriminali introdotti bl-Att III tas-sena 2002, kienet ghal zmien sa ghoxrin sena w bla minimu.

Qieset li skond l-artikolu 41 il-piena ghat-tentattiv ta' reat tigi mnaqqsa bi grad jew zewg gradi mill-piena ghar-reat kunsmat u ghalhekk, skond l-artikolu 31 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-massimu tal-piena jkun ta' tnax il-sena jekk jonqos bi grad u ta' disa' snin jekk jonqos b'zewg gradi.

Qieset ukoll il-gravita' tar-reat li ghalkemm ma wassalx ghar-reat ikkunsmat li kellu l-hsieb li jikkommetti l-hati, wassal biex il-vittma Gorgina Borg sofriet korriment tant

gravi li ser ihalliha paraplegika, go wheelchair u dipendenti minn haddiehor ghal hajjitha kollha.

Qieset dak li gie ritenut fis-sentenza Ingliza ta' **Bancroft** (1981) [3 Cr. App. R. (S) 119] citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis sive Cikku Farrugia"** [3.10.2003] u minn din il-Qorti fis-sentenza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Buhagiar"** [5.11.2003] konfermata fl-appell [24.9.2004] :-

**"….notwithstanding that a man's reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control, there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for. That must be the justification for passing a sentence of imprisonment, to recognise that there is still left some degree of culpability….(ara Jeremy Horder : "Provocation and Responsibility" (OUP, 1992 p. 120)"**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 31(1)(b), 41, 211, 227 (c) 228 (2) u 533 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-hati Marco Zarb ghall-piena ta' tmin (8) snin prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu kollu li l-hati qatta' taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u tikkundannah ukoll ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin lira Maltin u seba w hamsin centezmi (LM283.57c) rapprezentanti l-ispejjes kollha tal-perizji inkorsi tul il-kumpilazzjoni, u dana bl-applikazzjoni tal-Art. 533 tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------